

Brussell, 20 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15738/25
ADD 1

ECOFIN 1569
FISC 333
UD 280
ENV 1258
CLIMA 551
DELECT 177

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7845 final
Suġġett:	ANNESSI tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispjefika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditazzjoni u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 7845 final Annexes 1 to 2.

Mehmuż: C(2025) 7845 final Annexes 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025
C(2025) 7845 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../...

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditazzjoni lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditazzjoni u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi ta' akkreditazzjoni

ANNEX I – Ambitu tal-akkreditazzjoni

Nru tal-grupp ta' attività tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism)	Ambitu tal-akkreditazzjoni	Gruppi ta' attività skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/2067
<i>Kategorija ta' oġġetti aggregati</i>		
I	Tafal ikkalċinat Klinker tas-siment Siment Siment tal-allumi	1a, 1b, 6, 98
II	Idroġenu Ammonijaka	1a, 1b, 8, 98
III	Aċidu nitriku	1a, 1b, 9, 98
IV	Urea Fertilizzanti mħallta	1a, 1b, 98
V	Minerali sinterizzati Hadid fondut grezz Hadid mir-riduzzjoni diretta (DRI, Direct Reduced Iron) Azzar mhux maħdum	1a, 1b, 3, 98
VI	Liġi tal-ħadid (FeMn, FeCr, FeNi)	1a, 1b, 4, 98
VII	Aluminju mhux maħdum	1a, 1b, 4, 5, 98
VIII	Prodotti tal-ħadid jew tal-azzar Prodotti tal-aluminju	1a, 1b, 4, 98
<i>Attivitajiet oħrajn</i>		
L	Qbid, użu u ħżin tal-karbonju (CCUS, Carbon Capture, Utilisation and Storage)	10, 11
LI	Elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni	mhux applikabbli
LII	Emissjonijiet indiretti	mhux applikabbli

ANNEX II – Rekwiżiti għall-verifikaturi

1. REKWIŻITI TA' KOMPETENZA GĦALL-VERIFIKATURI

1.1 Proċess ta' kompetenza, kriterji ta' kompetenza u monitoraġġ tal-prestazzjoni

1.1.1 Proċess kontinwu ta' kompetenza

Il-verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċess ta' kompetenza biex jiżgura li l-persunal kollu li jiġi fdat bl-attivitajiet ta' verifika jkun kompetenti biex iwettaq il-kompiti li jiġu allokatilil.

Għall-finijiet tal-proċess ta' kompetenza msemmi fl-ewwel paragrafu, il-verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm il-kriterji ta' kompetenza li ġejjin:

- (a) kriterji ġenerali ta' kompetenza għall-persunal kollu li jkun qiegħed iwettaq attivitajiet ta' verifika;
- (b) kriterji speċifiċi ta' kompetenza għal kull membru tal-persunal li jwettaq attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari għall-awditur ewlieni tas-CBAM, l-awditur tas-CBAM, ir-rieżaminatur indipendenti u l-espert tekniku fil-verifika;
- (c) metodu biex tiġi żgurata l-kompetenza kontinwa tal-persunal kollu li jwettaq attivitajiet ta' verifika, u evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni tiegħu;
- (d) proċess biex jiġi żgurat it-taħriġ kontinwu tal-persunal li jwettaq attivitajiet ta' verifika;
- (e) proċess għall-valutazzjoni ta' jekk l-impenn ta' verifika jaqax fl-ambitu tal-akkreditazzjoni tal-verifikatur, u jekk il-verifikatur għandux il-kompetenza, il-persunal u r-riżorsi meħtieġa biex jagħżel it-tim tal-verifika u jlesti b'suċċess l-attivitajiet ta' verifika fil-perjodu ta' żmien meħtieġ.

Il-kriterji ta' kompetenza msemmija fit-tieni paragrafu, il-punt (b), għandhom ikunu speċifiċi għal kull ambitu tal-akkreditazzjoni li għalih il-persunal inkwistjoni jkun qiegħed iwettaq attivitajiet ta' verifika.

Fl-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-persunal skont it-tieni paragrafu, il-punt (c), il-verifikatur għandu jivvaluta dik il-kompetenza skont il-kriterji ta' kompetenza msemmijin fit-tieni paragrafu, il-punti (a) u (b).

Il-proċess imsemmi fit-tieni paragrafu, il-punt (e), għandu jinkludi wkoll proċess sabiex jiġi vvalutat jekk it-tim tal-verifika jkollux il-kompetenza u l-persuni kollha meħtieġa sabiex iwettaq l-attivitajiet ta' verifika għal operatur speċifiku.

Il-verifikatur għandu jiżviluppa kriterji ta' kompetenza ġenerali u speċifiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsimiet 1.2, 1.3 u 1.4.

1.1.2 Monitoraġġ u evalwazzjoni

Il-verifikatur għandu jimmonitorja regolarment, u mill-inqas darba fis-sena, il-prestazzjoni tal-persunal kollu li jwettaq attivitajiet ta' verifika sabiex jikkonferma li għad għandu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex iwettaq il-kompiti assenjati lilu.

Il-verifikatur għandu jivvaluta l-kompetenza u l-prestazzjoni ta' awditur ewlieni tas-CBAM u awditur tas-CBAM.

Il-verifikatur għandu jimmonitorja dawk l-awdituri matul il-verifika fuq il-post tar-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur kif xieraq, biex jiddetermina jekk dawn jissodisfawx il-kriterji ta' kompetenza.

Jekk membru tal-persunal jonqos milli juri li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji ta' kompetenza għal kompitu speċifiku assenjat lilu, il-verifikatur għandu jidentifika u jorganizza t-taħriġ

addizzjonali jew l-esperjenza tax-xogħol taħt superviżjoni meħtieġa. Il-verifikatur għandu jimmonitorja lil dak il-membru sa ma dan il-membru juri lill-verifikatur li huwa jissodisfa l-kriterji ta' kompetenza.

Għar-rieżami indipendenti tal-attivitajiet ta' verifika marbutin ma' impenn partikolari ta' verifika, il-verifikatur għandu jaħtar eżaminatur indipendenti li ma għandux ikun jagħmel parti mit-tim tal-verifika.

1.2 Rekwiżiti ta' kompetenza għall-awdituri tas-CBAM

Għal kull kompitu ta' verifika, il-verifikatur għandu jgħaqqad tim tal-verifika magħmul minn awditur ewlieni wieħed tas-CBAM u għadd xieraq ta' awdituri tas-CBAM li kapaċi jwettqu l-attivitajiet ta' verifika msemmija fit-Taqsima 2.

L-awditur ewlieni tas-CBAM għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza għal awditur tas-CBAM u għandu jkun wera l-kompetenza li jikkomunika b' mod effettiv bl-Ingliż.

Kull awditur tas-CBAM għandu jkollu l-kompetenza meħtieġa biex jivvaluta l-pjanijiet ta' monitoraġġ u jivverifika r-rapporti tal-emissjonijiet tal-operaturi f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/956, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] dan ir-Regolament, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150].

Għal dan il-għan, kull awditur tas-CBAM għandu jkollu, tal-inqas:

- (a) għarfien dwar l-akkreditazzjoni, tal-attivitajiet ta' verifika u tal-monitoraġġ u l-kalkolu tal-emissjonijiet integrati skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2023/956, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8151], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8150], għarfien dwar il-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data rilevanti għal allokkazzjoni bla ħlas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok żid referenza ta' C(2025)8152], u leġiżlazzjoni, standards armonizzati u linji gwida applikabbli oħra;
- (b) għarfien tal-awditjar tad-data u tal-informazzjoni u esperjenza f'dan il-qasam, fosthom b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:
 - (1) il-metodoloġiji tal-awditjar tad-data u tal-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-livell ta' materjalità u l-valutazzjoni tal-materjalità tad-dikjarazzjonijiet skorretti;
 - (2) l-analiżi tar-riskji inerenti u ta' kontroll;
 - (3) it-tekniki tal-kampjunar marbutin mal-kampjunar tad-data u mal-verifika tal-attivitajiet ta' kontroll;
 - (4) il-valutazzjoni tas-sistemi tad-data u tal-informazzjoni, tas-sistemi tal-IT, tal-attivitajiet ta' fluss tad-data, tal-attivitajiet tal-kontroll, tas-sistemi ta' kontroll u tal-proċeduri għall-attivitajiet tal-kontroll;
- (c) il-kapaċità li jwettaq l-attivitajiet relatati mal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur kif meħtieġ skont l-Artikolu 13;
- (d) għarfien tal-aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar li jkunu speċifiċi għas-settur u li jkunu rilevanti għall-ambitu tal-attivitajiet imsemmijin fl-Anness I li fih l-awditur tas-CBAM ikun qiegħed iwettaq il-verifika, u esperjenza fihom.

Barra minn hekk, it-tim tal-verifika għandu jinkludi tal-inqas awditur wieħed tas-CBAM:

- (a) bil-kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv fil-lingwa meħtieġa biex jeżamina l-informazzjoni ppreżentata mill-operatur;
- (b) bil-kompetenza teknika meħtieġa u bil-fehim meħtieġ biex jivvaluta l-aspetti speċifiċi tekniċi ta' monitoraġġ u ta' rapportar relatati mal-attivitajiet tal-installazzjoni msemmija f'dan l-Anness;
- (c) meta l-verifikatur iwettaq il-verifika tad-data dwar l-elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-kompetenza teknika meħtieġa u l-fehim meħtieġ għall-valutazzjoni tal-evidenza meħtieġa biex jintwera l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, it-Taqsima 5, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2023/956;
- (d) meta l-verifikatur iwettaq il-verifika tad-data dwar oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956, il-kompetenza teknika meħtieġa u l-fehim meħtieġ biex jivvaluta l-evidenza meħtieġa biex jintwera l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, it-Taqsima 6 tar-Regolament (UE) 2023/956.

1.3 Rekwiżiti ta' kompetenza għar-rieżaminaturi indipendenti

Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jkollu l-awtorità x-xierqa biex janalizza l-abbozz tar-rapport ta' verifika u d-dokumentazzjoni interna tal-verifika skont it-Taqsima 2.15.

Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza li japplikaw għal awditur tas-CBAM, kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, u għandu jkollu l-kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv bl-Ingliż.

Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jkollu l-kompetenza meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet li ġejjin:

- (a) janalizza l-informazzjoni pprovduta u jikkonferma l-kompletezza u l-integrità tagħha;
- (b) jagħmel mistoqsijiet dwar kwalunkwe informazzjoni nieqsa u jikkontesta informazzjoni kontradittorja;
- (c) jivverifika t-traċċi tad-data biex jivvaluta jekk id-dokumentazzjoni interna tal-verifika hijiex kompluta u tipprovdix biżżejjed informazzjoni biex tappoġġa l-konklużjonijiet tal-abbozz tar-rapport ta' verifika.

1.4 Involvement ta' esperti tekniċi fil-verifika

Huwa u jwettaq attivitajiet ta' verifika, verifikatur jista' jitlob lil esperti tekniċi fil-verifika biex jipprovdu għarfien espert u dettaljat dwar suġġett speċifiku li jkun meħtieġ biex jappoġġa lill-awditur tas-CBAM fit-tweqqif tal-attivitajiet ta' verifika tiegħu. Meta r-rieżaminatur indipendenti ma jkollux il-kompetenza meħtieġa biex jivvaluta kwistjoni partikolari fil-proċess ta' rieżami, il-verifikatur għandu jitlob l-appoġġ ta' espert tekniku fil-verifika.

L-espert tekniku fil-verifika għandu jkollu l-kompetenza meħtieġa u l-għarfien espert meħtieġ biex jappoġġa b'mod effettiv lill-awdituri tas-CBAM, jew lir-rieżaminatur indipendenti, fejn meħtieġ, dwar is-suġġett li dwaru jkun qed jintalab l-għarfien espert mingħand espert. Barra minn hekk, l-espert tekniku fil-verifika għandu jifhem biżżejjed il-kwistjonijiet imsemmija fit-Taqsima 1.2, ir-raba' paragrafu, il-punti (a), (b) u (c).

L-espert tekniku fil-verifika għandu jwettaq il-kompiti speċifiċi taħt id-direzzjoni u r-responsabbiltà sħiħa tar-rieżaminatur indipendenti jew tal-awdituri tas-CBAM tat-tim tal-verifika li fih ikun qiegħed jaħdem l-espert tekniku.

1.5 Proċeduri għall-attivitajiet ta' verifika

1.5.1 Proċeduri u proċessi għall-attivitajiet ta' verifika

L-attivitajiet ta' verifika għandhom jikkonformaw mal-istandard armonizzat li ġej:

- EN ISO/IEC 17029:2019 Valutazzjoni tal-Konformità - Prinċipji u rekwiżiti ġenerali għall-korpi ta' validazzjoni u verifika (ISO/IEC 17029:2019)¹.

Minbarra l-istandards armonizzati msemmija fl-ewwel paragrafu, l-attivitajiet ta' verifika għandhom jiġu ddokumentati, implimentati u miżmuma f'konformità mal-proċeduri u l-proċessi stabbiliti fit-Taqsima 2.

1.5.2 Sistema ta' ġestjoni tal-kwalità

Il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw, jimplementaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sabiex jiżguraw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, it-titjib u r-rieżami konsistenti tal-proċeduri u tal-proċessi f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1.

1.5.3 Proċeduri addizzjonali

Minbarra l-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1, il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu l-proċeduri, il-proċessi u l-arranġamenti li ġejjin:

- (a) proċess u politika għall-komunikazzjoni mal-operatur jew ma' partijiet rilevanti oħrajn;
- (b) arranġamenti adegwati biex titħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba;
- (c) proċess biex jiġu ttrattati l-appelli;
- (d) proċess biex jiġu ttrattati l-ilmenti (inkluż skeda taż-żmien indikattiva);
- (e) proċess għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika rivedut fejn ikun ġie identifikat żball fir-rapport ta' verifika jew fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur wara li l-verifikatur ikun ippreżenta r-rapport ta' verifika lill-operatur;
- (f) proċedura jew proċess għall-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika lil organizzazzjonijiet oħrajn;
- (g) proċedura jew proċess biex jiġi żgurat li l-verifikatur jieħu responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet ta' verifika mwettqa minn individwi kkuntrattati;
- (h) proċessi li jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fit-Taqsima 1.5.2, inklużi l-proċessi:
 - (1) għar-rieżami tas-sistema ta' ġestjoni, li għandu jsir tal-inqas darba fis-sena u ma jaqbiżx il-15-il xahar bejn ir-rieżamijiet tal-ġestjoni;
 - (2) għat-twettiq ta' awditi interni tal-inqas darba fis-sena, u mhux aktar minn 15-il xahar bejn żewġ awditi interni.

1.6 Rekords u komunikazzjoni

Il-verifikatur għandu jżomm u għandu jimmaniġġa rekords biex juri l-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-kompetenza u l-imparzjalità tal-persunal tiegħu.

¹ Imsemmi fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1835 tat-3 ta' Diċembru 2020 dwar l-istandards armonizzati għall-akkreditazzjoni u għall-valutazzjoni tal-konformità (ĠU L 408, 4.12.2020, p. 6).

Il-verifikatur għandu, fuq bażi regolari, jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-operatur u għal partijiet rilevanti oħrajn f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1.

Il-verifikatur għandu jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba matul il-verifika, f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1.

1.7 Imparzzjalità u indipendenza

1.7.1 Prinċipji ġenerali

Verifikatur għandu jkun indipendenti mill-operatur, mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2023/956 u mill-Kummissjoni. Verifikatur għandu jkun imparzzjali wkoll fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika tiegħu, u għandu jwettaq verifika fl-interess pubbliku.

Sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzzjalità, il-verifikatur jew kwalunkwe parti mill-istess entità legali ma għandhiex tkun operatur, is-sid ta' operatur jew proprjetà ta' operatur, u l-verifikatur ma għandu jkollu l-ebda negozju mal-operatur li jista' jaffettwa l-indipendenza u l-imparzzjalità tiegħu.

Il-verifikaturi għandhom jiġu organizzati b'tali mod li tiġi żgurata l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzzjalità tagħhom. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 1.5.1.

Il-verifikaturi ma għandhomx iwettqu attivitajiet ta' verifika għal operatur fejn dan johlq riskju inaċċettabbli għall-imparzzjalità tagħhom jew li jkollhom kunflitt ta' interess fir-rigward ta' dan. Il-verifikatur ma għandux juża persunal jew persuni kkuntrattati biex jivverifika rapport dwar l-emissjonijiet fejn dan jista' jagħti lok għal kunflitt ta' interess reali jew potenzjali. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-attivitajiet tal-persunal jew tal-organizzazzjonijiet ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzzjalità tal-verifika. Għal dan il-għan, il-verifikatur għandu jimmonitorja r-riskji għall-imparzzjalità u jieħu azzjoni xierqa biex jindirizza dawk ir-riskji.

1.7.2 Riskju inaċċettabbli

Għandu jitqies li jkun irriżulta riskju inaċċettabbli għall-imparzzjalità jew kunflitt ta' interess, fost l-oħrajn, meta verifikatur, jew kwalunkwe parti mill-istess entità legali, tipprovdi:

- (a) servizzi ta' konsulenza sabiex tiġi żviluppata parti mill-proċess ta' rapportar u monitoraġġ deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ, inkluż l-iżvilupp tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, l-abbozzar tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew l-abbozzar tal-pjan ta' monitoraġġ;
- (b) assistenza teknika għall-iżvilupp jew għaż-żamma tas-sistema għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-emissjonijiet jew ta' informazzjoni rilevanti oħrajn skont ir-Regolament (UE) 2023/956.

1.7.3 Kunflitt ta' interess

Għandu jitqies li jkun inħoloq kunflitt ta' interess bejn il-verifikatur u l-operatur b'mod partikolari fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) meta r-relazzjoni bejn il-verifikatur u l-operatur tkun ibbażata fuq sjieda komuni, governanza komuni, ġestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni u kuntratti u kummerċjalizzazzjoni komuni;
- (b) meta l-operatur ikun irċieva servizzi ta' konsulenza msemmija fit-Taqsima 1.7.2, il-punt (a), jew assistenza teknika msemmija fit-Taqsima 1.7.2, il-punt (b), minn korp

ta' konsulenza, korp ta' assistenza teknika jew organizzazzjoni oħra li jkollha relazzjoni mal-verifikatur, li jheddu l-imparzjalità tal-verifikatur.

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-imparzjalità tal-verifikatur għandha titqies li tkun għet compromessa meta r-relazzjoni bejn il-verifikatur u l-korp ta' konsulenza, il-korp tal-assistenza teknika jew l-organizzazzjoni l-oħra tkun ibbażata fuq sjieda komuni, governanza komuni, għestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni, kuntratti jew kummerċjalizzazzjoni komuni u pagament komuni tal-kummissjoni tal-bejgħ jew inċentivi oħrajn għar-riferiment ta' kliġenti ġodda.

1.7.4 Esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika

Il-verifikaturi ma għandhomx jesternalizzaw ir-rieżami indipendenti jew l-abbozzar u l-ħruġ ta' rapporti ta' verifika.

Meta l-verifikaturi jesternalizzaw attivitajiet oħrajn ta' verifika, dawn għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fit-Taqsima 1.5.1. Il-verifikatur għandu, fost l-oħrajn, ikun soġġett għall-obbligi li ġejjin:

- (a) iżomm responsabbiltà sħiħa għall-verifika u għar-rapport ta' verifika;
- (b) jirrikjedi li l-korp esternalizzat jipprovdi evidenza indipendenti li turi l-konformità tiegħu mat-Taqsimiet 1.7.1, 1.7.2 u 1.7.3;
- (c) jikseb kunsens mingħand l-operatur biex juża l-korp esternalizzat; u
- (d) jkollu ftehim dokumentat kif xieraq mal-korp esternalizzat.

1.7.5 Proċess biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi

Il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw, jimplementaw u jżommu proċess biex jiżguraw l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi tagħhom, u l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi tal-partijiet tal-istess entità legali, tal-korpi u tal-organizzazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 1.7.3 u tal-persunal u tal-persuni kkuntrattati involuti fil-verifika. Dak il-proċess għandu jinkludi mekkaniżmu li jissalvagwardja l-imparzjalità u l-indipendenza tal-verifikatur.

1.7.6 Verifiki konsekuttivi tal-istess installazzjoni

Meta jivverifika l-istess installazzjoni bħal fis-sena ta' qabel, il-verifikatur għandu jivvaluta r-riskju ta' imparzjalità u jieħu miżuri biex inaqqas ir-riskju ta' imparzjalità.

Jekk l-awditur ewlieni tas-CBAM iwettaq 5 verifiki annwali għal installazzjoni partikolari, u l-ebda awditur ewlieni tas-CBAM ieħor ma jkun wettaq verifika annwali tal-installazzjoni tul dan il-perjodu, l-awditur ewlieni tas-CBAM għandu jieħu pawża ta' 3 snin konsekuttivi milli joffri servizzi ta' verifika għall-istess installazzjoni.

2. REKWIŻITI GĦALL-ATTIVITAJIET TA' VERIFIKA

2.1 Obbligi ġenerali tal-verifikatur

2.1.1 Obbligi ġenerali għall-verifika

Il-proċess biex ikun ivverifikat rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur għandu jkun għodda effettiva u affidabbli biex jappoġġa l-proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, u b'reazzjoni għal dan, operatur jista' jaġixxi biex itejjeb il-prestazzjoni fil-monitoraġġ u fir-rapportar ta' emissjonijiet.

Rapport ivverifikat tal-operatur dwar l-emissjonijiet għandu jkun affidabbli għall-utenti. Għandu jirrappreżenta b'mod fidil dak li għandu l-għan li jirrappreżenta jew inkella dak li jista' jkun raġonevolment mistenni li jirrappreżenta.

Il-verifikatur għandu jwettaq l-attivitajiet ta' verifika meħtieġa skont din it-Taqsima u għandu japplika l-prinċipji ta' verifika skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150] u għandu jħejji rapport ta' verifika li jistabbilixxi b'aċċertament raġonevoli jekk ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur huwiex ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Il-verifikatur għandu jippjana u jwettaq il-verifika b'attitudni ta' xettiċiżmu professjonali u għandu jirrikonoxxi li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jwasslu biex ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ikun fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2.1.2 Obbligi ġenerali matul il-verifika

Waqt il-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta dan li ġejj:

- (a) li r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ikun komplut u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
- (b) li l-operatur ikun aġixxa f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ tal-installazzjoni;
- (c) li d-data fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur hija ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;
- (d) li tista' tiġi pprovduta informazzjoni li tappoġġa l-attivitajiet tal-fluss tad-data tal-operatur, tas-sistema ta' kontroll u tal-proċeduri assoċjati biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rapportar tagħhom.

Għall-finijiet tal-punt (c), il-verifikatur għandu jikseb evidenza ċara u oġġettiva mill-operatur biex jappoġġa l-emissjonijiet integrati rrapportati u data oħra relatata mal-oġġetti prodotti, filwaqt li jqis l-informazzjoni l-oħra kollha pprovduta fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur.

Jekk il-verifikatur jiskopri li l-pjan ta' monitoraġġ ta' installazzjoni ma jkunx konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151], il-verifikatur għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa f'konformità mat-Taqsima 2.14.

2.2 Obbligi prekontrattwali u allokkazzjoni tal-ħin

Qabel ma jaċċetta impenn ta' verifika, verifikatur għandu jikseb fehim tajjeb tal-installazzjoni tal-operatur u jivvaluta jekk jistax iwettaq il-verifika. Għal dan il-fini, il-verifikatur għandu jagħmel tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

- (a) iwettaq rieżami tal-informazzjoni li l-operatur jipprovdilu sabiex jistabbilixxi l-ambitu tal-verifika;
- (b) jivvaluta jekk l-impenn jidħolx fl-ambitu tal-akkreditazzjoni tiegħu;
- (c) jivvaluta jekk għandux il-kompetenza, il-persunal u r-riżorsi meħtieġa biex jagħżel tim tal-verifika li jkun kapaċi jittratta l-kumplessità tal-installazzjoni kif ukoll jekk huwiex kapaċi jlesti b'suċċess l-attivitajiet ta' verifika fil-perjodu taż-żmien meħtieġ jew le;
- (d) jivvaluta jekk jistax jiżgura li t-tim tal-verifika potenzjali li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għandu l-kompetenza u l-persuni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika għal dik l-installazzjoni speċifika;
- (e) jevalwa r-riskji involuti fit-twettiq tal-verifika tar-rapport tal-emissjonijiet tal-operatur f'konformità dan ir-Regolament;

- (f) jiddetermina, għal kull impenn ta' verifika mitlub, l-allokkazzjoni tal-ħin meħtieġa biex titwettagħ sew il-verifika, filwaqt li jqis il-kumplessità tal-installazzjoni, tal-monitoraġġ, u tal-impenn ta' verifika.

Il-verifikatur għandu jiżgura li l-kuntratt tal-verifika jipprevedi l-possibbiltà ta' ħin li jrid jiġi ċċarġjat minbarra l-ħin miftiehem fil-kuntratt meta jinstab li t-tali ħin addizzjonali jkun meħtieġ għall-analiżi strateġika, għall-analiżi tar-riskji jew għal attivitajiet oħrajn ta' verifika.

Il-verifikatur għandu jirreġistra l-ħin allokati fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

2.3 Informazzjoni li għandha tasal mingħand l-operaturi

Qabel l-analiżi strateġika u f'mument oħrajn matul il-verifika, il-verifikatur għandu jirċievi dan kollu li ġej mingħand l-operatur:

- (a) l-aktar verżjoni reċenti tal-pjan ta' monitoraġġ tal-operatur, imħejjija f'konformità mal-Anness II, il-punt A.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
- (b) dokumentazzjoni rilevanti jew deskrizzjoni tal-installazzjoni, tal-proċeduri u tal-proċessi jew tad-dijagrammi sekwenzjali li jitħejjew u jinżammu aġġornati barra mill-pjan ta' monitoraġġ;
- (c) jekk applikabbli, rekord tal-bidliet kollha magħmula fl-installazzjoni u fil-pjan ta' monitoraġġ mill-aħħar verifika;
- (d) jekk applikabbli, il-pjan ta' kampjunar tal-operatur, imħejji f'konformità mal-Anness II, il-punt A.6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
- (e) ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur li għandu jiġi vverifikat;
- (f) ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur u r-rapport ta' verifika relatat għall-perjodu ta' rapportar preċedenti, jekk ma jkunux ivverifikati mill-istess verifikatur;
- (g) fejn applikabbli, informazzjoni dwar kif l-operatur ikkoreġa n-nonkonformitajiet jew indirizza rakkomandazzjonijiet għal titjib li ġew irrapportati fir-rapport ta' verifika dwar il-perjodu ta' rapportar preċedenti;
- (h) jekk applikabbli, ir-rapporti ta' verifika relatati mal-prekursuri użati iżda mhux prodotti fl-installazzjoni;
- (i) meta l-operatur ikun uża l-ħin attwali tal-produzzjoni tal-prekursur sabiex jiddetermina l-perjodu ta' rapportar li matulu jkun ġie prodott il-prekursur, evidenza tal-ħin reali tal-produzzjoni;
- (j) meta l-proċess tal-produzzjoni għal oġġett kumpless ikun uża tip tal-prekursur miksub minn installazzjonijiet multipli, l-emissjonijiet diretti integrati speċifiċi u, jekk applikabbli, l-emissjonijiet indiretti li għandhom jintużaw għal dak il-prekursur, u indikazzjoni ta' jekk l-emissjonijiet integrati speċifiċi ġewx iddeterminati bl-użu tal-metodu prestabbilit stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] jew billi jiġu kkalkulati l-emissjonijiet integrati tal-prekursur miksuba minn installazzjoni jew minn subsett speċifiku ta' installazzjonijiet f'konformità ma' dak l-Artikolu;
- (k) fejn l-oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956 jiġu prodotti fl-installazzjoni, u jekk l-operatur ma jużax il-valur prestabbilit għall-fattur ta' emissjoni tal-elettriku u lanqas il-valur għall-elettriku prodott fl-installazzjoni, l-elementi li ġejjin:

- (1) ir-rapport ta' verifika tal-installazzjoni li tipproduċi l-elettriku;
 - (2) l-evidenza msemija fil-punt D.4.3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151].
- (l) fejn l-installazzjoni tipproduċi l-elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-evidenza msemija fl-Anness II, il-punt D.2.4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
 - (m) informazzjoni dwar il-bażijiet tad-data u s-sorsi tad-data użati għall-finijiet ta' monitoraġġ u rapportar;
 - (n) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-ippjanar u għat-twettiq tal-verifika.

2.4 Analiżi strateġika

2.4.1 Valutazzjoni tan-natura, l-iskala u l-kumplessità probabbli tal-kompiti ta' verifika

Fil-bidu tal-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta n-natura, l-iskala u l-kumplessità probabbli tal-kompiti ta' verifika billi jwettaq analiżi strateġika tal-attivitajiet kollha li huwa jrid iwettaq sabiex jivverifika l-installazzjoni.

Huwa u jwettaq l-analiżi strateġika, il-verifikatur għandu jivverifika dan li ġej:

- (a) jekk il-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat lilu huwiex l-aktar verżjoni reċenti, u jekk kienx hemm xi nonkonformità jew rakkomandazzjonijiet għal titjib inklużi fir-rapport ta' verifika preċedenti;
- (b) jekk kienx hemm xi modifika fl-installazzjoni jew fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rapportar.

2.4.2 Ġbir ta' informazzjoni

Il-verifikatur għandu jiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex jivvaluta jekk it-tim tal-verifika huwiex kompetenti biżżejjed biex iwettaq il-verifika, biex jiddetermina li l-allokkazzjoni tal-ħin indikata fil-kuntratt ġiet stabbilita b'mod korrett u biex jiżgura li jkun jista' jwettaq l-analiżi tar-riskju meħtieġa.

2.4.3 Rieżami tal-informazzjoni

Il-verifikatur għandu jirrieżamina l-informazzjoni msemija fit-Taqsima 2.4.2. Meta jkun qiegħed jirrieżamina din l-informazzjoni, il-verifikatur għandu jivvaluta tal-anqas dan li ġej:

- (a) id-daqs u l-kumplessità tal-installazzjoni, l-għadd ta' oġġetti differenti prodotti, l-għadd u n-natura tal-proċessi tal-produzzjoni u tar-rotot tal-produzzjoni;
- (b) il-pjan ta' monitoraġġ kif ukoll l-ispeċifikitajiet tal-metodoloġija ta' monitoraġġ stabbilita fih;
- (c) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-sorsi tal-emissjonijiet u tal-flussi minn sorsi kif ukoll il-konnessjonijiet tekniċi bejn il-proċessi tal-produzzjoni, ir-rotot tal-produzzjoni u installazzjonijiet oħrajn, jekk ikun hemm;
- (d) it-tagħmir tal-kejl deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ, l-oriġini u l-applikazzjoni ta' fatturi ta' kalkolu u sorsi ta' data primarja oħrajn;
- (e) l-għadd ta' prekursori differenti użati iżda mhux prodotti fl-installazzjoni u l-varjetà tas-sorsi tagħhom;

- (f) għal oġġetti prodotti fl-installazzjoni u li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956, l-għadd ta' installazzjonijiet minn fejn jasal l-elettriku u l-approċċ użat mill-operatur biex jiġi ddeterminat il-fattur ta' emissjoni tal-elettriku u kwalunkwe data sottostanti rilevanti;
- (g) għall-elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-approċċ użat mill-operatur biex jiddetermina l-fattur ta' emissjoni tal-elettriku u kwalunkwe data sottostanti rilevanti;
- (h) l-attivitajiet tal-fluss tad-data u s-sistema ta' kontroll.

2.5 Analiżi tar-riskju

Sabiex ifassal, jippjana u jimplementa verifika effettiva, il-verifikatur għandu jidentifika u janalizza l-elementi li ġejjin:

- (a) ir-riskji inerenti;
- (b) l-attivitajiet ta' kontroll;
- (c) meta jkunu ġew implimentati l-attivitajiet ta' kontroll imsemmijin fil-punt (b), ir-riskji ta' kontroll li jistgħu jaffettwaw l-effettività ta' dawk l-attivitajiet ta' kontroll.

Huwa u jidentifika u janalizza l-elementi msemmijin fl-ewwel paragrafu, il-verifikatur għandu jqis tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

- (a) is-sejbiet tal-analiżi strateġika msemmija fit-Taqsima 2.4;
- (b) l-informazzjoni msemmija fit-Taqsima 2.3 u fit-Taqsima 2.4.3, il-punt (c);
- (c) il-livelli ta' materjalità meħtieġ kif speċifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150].

Fejn xieraq fid-dawl tal-informazzjoni miksuba matul il-verifika, il-verifikatur għandu jirrevedi l-analiżi tar-riskju u jimmodifika jew jirrepeti l-attivitajiet ta' verifika li għandhom jitwettqu.

2.6 Pjan ta' verifika

2.6.1 Kontenut minimu tal-pjan ta' verifika

Il-verifikatur għandu jabbozza pjan ta' verifika li jkun proporzjonat mal-informazzjoni miksuba u mar-riskji identifikati waqt l-analiżi strateġika u waqt l-analiżi tar-riskju. Il-pjan ta' verifika għandu jinkludi tal-anqas:

- (a) programm ta' verifika li jiddeskrivi n-natura u l-ambitu tal-attivitajiet ta' verifika kif ukoll iż-żmien li fih iridu jitwettqu dawn l-attivitajiet u l-mod kif għandhom jitwettqu;
- (b) pjan magħmul bħala test li jstabbilixxi l-ambitu tal-attivitajiet ta' kontroll u l-metodi tal-ittestjar tagħhom, kif ukoll il-proċeduri għall-attivitajiet ta' kontroll;
- (c) pjan ta' kampjunar tad-data li jstabbilixxi l-ambitu u l-metodi tal-kampjunar tad-data b'rabta mal-punti tad-data li fuqhom huma bbażati l-emissjonijiet integrati u informazzjoni oħra fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur.

Huwa u jstabbilixxi d-daqs tal-kampjunar u l-attivitajiet tal-ittestjar tal-attivitajiet tal-kontroll imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-verifikatur għandu jqis l-elementi li ġejjin:

- (a) ir-riskji inerenti;
- (b) l-ambjent ta' kontroll;

- (c) l-attivitajiet ta' kontroll rilevanti;
- (d) ir-reqwizit li jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli.

Huwa u jstabilixxi d-daqs tal-kampjunar u l-attivitajiet tal-kampjunar għall-kampjunar tad-data msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-verifikatur għandu jqis l-elementi li ġejjin:

- (a) ir-riskji inerenti u r-riskji ta' kontroll;
- (b) ir-riżultati tal-proċeduri analitiċi;
- (c) ir-reqwizit li jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli;
- (d) il-livell ta' materjalità;
- (e) il-materjalità tal-kontribut ta' element individwali tad-data għas-sett tad-data ġenerali.

2.6.2 Implimentazzjoni u aġġornament tal-pjan ta' verifika

Il-verifikatur għandu jstabilixxi u jimplimenta l-pjan ta' verifika b'tali mod li r-riskju ta' verifika jitnaqqas għal livell aċċettabbli sabiex jinkiseb aċċertament raġonevoli li r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ma jkunx fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Il-verifikatur għandu jaġġorna l-pjan ta' verifika jekk isib riskji addizzjonali li jeħtieġ li jitnaqqsu jew jekk ikun hemm inqas riskju reali minn dak li kien mistenni fil-bidu.

2.7 Attivitajiet ta' verifika

Il-verifikatur għandu jimplimenta l-pjan ta' verifika msemmi fit-Taqsima 2.6 u, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju msemmija fit-Taqsima 2.5, għandu jivverifika jekk il-pjan ta' monitoraġġ huwiex implimentat kif suppost.

Bħala parti minn din il-ħidma, il-verifikatur għandu tal-inqas iwettaq ittestjar sostantiv li jikkonsisti fi proċeduri analitiċi, verifika tad-data u verifika tal-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, u għandu jivverifika dan li ġej:

- (a) l-attivitajiet tal-fluss tad-data u s-sistemi użati fil-fluss tad-data, fosthom is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- (b) jekk l-attivitajiet ta' kontroll tal-operatur humiex iddokumentati, implimentati u aġġornati kif xieraq u jekk humiex effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskji inerenti;
- (c) jekk il-proċeduri elenkati fil-pjan ta' monitoraġġ humiex effettivi biex jimmitigaw ir-riskji inerenti u r-riskji ta' kontroll u jekk il-proċeduri humiex implimentati, iddokumentati biżżejjed u aġġornati sew.

Għall-finijiet tal-punt ta' verifika (a) tal-ewwel paragrafu, il-verifikatur għandu jittraċċa l-fluss tad-data skont is-sekwenza u l-interazzjoni tal-attivitajiet tal-fluss tad-data mid-data ta' sorsi primarji sal-kompilazzjoni tar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur.

2.8 Proċeduri analitiċi

Il-verifikatur għandu juża proċeduri analitiċi biex jivvaluta l-plawżibbiltà u l-kompletezza tad-data f'każijiet fejn ir-riskju inerenti, ir-riskju ta' kontroll u l-livell ta' adattament tal-attivitajiet ta' kontroll tal-operatur juru li jkun hemm bżonn li jsiru tali proċeduri analitiċi.

Meta jkun qed iwettaq dawk il-proċeduri analitiċi, il-verifikatur għandu jivvaluta d-data rrapportata biex jidentifika oqsma ta' riskju potenzjali u sussegwentement jivvalida u jfassal l-attivitajiet ta' verifika ppjanati. Il-verifikatur għandu tal-inqas:

- (a) jivvaluta kemm huma plawżibbli l-varjazzjonijiet u x-xejriet tul iż-żmien jew fost l-oġġetti li jistgħu jitqabblu ma' xulxin;
- (b) jidentifika l-anomaliji immedjati, id-data mhux mistennija u nuqqasijiet fid-data.

Meta jkun qed japplika dawk il-proċeduri analitiċi, il-verifikatur għandu jwettaq il-proċeduri li ġejjin:

- (a) proċeduri analitiċi preliminari b'rabta mad-data aggregata qabel ma jwettaq l-attivitajiet imsemmijin fit-Taqsima 2.7 sabiex jifhem in-natura, il-kumplessità u r-rilevanza tad-data rrapportata;
- (b) proċeduri analitiċi sostantivi b'rabta mad-data aggregata u mal-punti tad-data li fuqhom tissejjes din id-data sabiex jidentifika l-iżbalji strutturali potenzjali u l-anomaliji immedjati li jista' jkun hemm;
- (c) proċeduri analitiċi finali b'rabta mad-data aggregata sabiex jiżgura li l-iżbalji kollha li jkunu ġew identifikati waqt il-proċess ta' verifika jkunu ssolvew b'mod korrett.

Meta l-verifikatur jidentifika anomaliji, fluttwazzjonijiet, xejriet, lakuni fid-data jew data li ma tkunx konsistenti ma' informazzjoni rilevanti oħra jew li tkun tvarja b'mod sinifikanti mill-ammonti jew mil-proporzjonijiet mistennija, il-verifikatur għandu jikseb spjegazzjonijiet mingħand l-operatur li għandhom ikunu appoġġati b'evidenza rilevanti addizzjonali.

Abbażi tal-ispjegazzjonijiet u tal-provi addizzjonali pprovduti, il-verifikatur għandu jivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-pjan ta' verifika u fuq l-attivitajiet ta' verifika li jridu jitwettqu.

2.9 Verifika tad-data

Il-verifikatur għandu jivverifika d-data fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur billi jittestja d-data b'mod iddettaljat, inkluż billi jitraċċa d-data lura lejn is-sors primarju tad-data, iwettaq kontroverifika tad-data ma' sorsi esterni tad-data, iwettaq rikonċiljazzjonijiet u jivverifika l-limiti rigward id-data xierqa u jagħmel il-kalkoli mill-ġdid.

Bħala parti minn dik il-verifika tad-data u filwaqt li jitqies il-pjan ta' monitoraġġ, li jinkludi l-proċeduri deskritti f'dak il-pjan ta' monitoraġġ, il-verifikatur għandu jivverifika:

- (a) il-limiti tal-installazzjoni;
- (b) il-limiti tal-proċessi tal-produzzjoni u tar-rotot ta' produzzjoni tal-installazzjoni;
- (c) il-kompletezza tal-flussi minn sorsi u tas-sorsi tal-emissjonijiet, kif ukoll, jekk ikun applikabbli, il-konnessjonijiet tekniċi bejn il-proċessi tal-produzzjoni u ma' installazzjonijiet oħrajn, kif deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ;
- (d) il-konsistenza tad-data rrapportata fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur mad-data ta' sorsi primarji;
- (e) fejn applikabbli, id-data li tirriżulta mid-data ta' sorsi primarji meta mqabbla ma' sors ta' data korroboranti, jekk disponibbli fil-pjan ta' monitoraġġ;
- (f) fejn l-operatur japplika metodoloġija bbażata fuq il-kejl kif imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151], il-valuri mkejla skont il-kalkolu korroborattiv rispettiv;
- (g) il-livelli ta' attività rrapportati tal-proċessi ta' produzzjoni;
- (h) l-affidabbiltà u l-akkuratezza tad-data.

2.10 Verifika tal-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija ta' monitoraġġ

Il-verifikatur għandu jivverifika li l-metodoloġija ta' monitoraġġ kif stabbilita fil-pjan ta' monitoraġġ ġiet applikata b'mod korrett, inklużi l-punti speċifiċi li ġejjin:

- (a) jekk id-data hijiex kompluta u jekk seħħewx lakuni fid-data jew għadd doppju, u jekk iva, jekk l-approċċ użat mill-operatur biex jikkompleta d-data nieqsa jiżgurax li l-emissjonijiet ma jiġux sottovalutati;
- (b) jekk applikabbli, jekk il-pjan ta' kampjunar tal-operatur imsemmi fl-Anness II, il-Punt A.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] g'ix applikat b'mod korrett;
- (c) jekk id-data kollha dwar l-emissjonijiet, l-inputs, l-outputs u l-flussi tal-enerġija hijiex attribwita b'mod korrett għall-proċess tal-produzzjoni f'konformità mal-limiti tas-sistema ddefiniti għal kull kategorija ta' oġġetti aggregati f'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
- (d) jekk il-livelli ta' attività għall-proċessi ta' produzzjoni jibbażawx fuq applikazzjoni korretta tad-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' oġġetti aggregati elenkati fl-Anness I, it-Taqsima 2, it-Tabella 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151];
- (e) jekk il-konsum tal-enerġija g'ix attribwit b'mod korrett għal kull proċess ta' produzzjoni, fejn applikabbli;
- (f) għall-prekursuri użati iżda mhux prodotti fl-installazzjoni, jekk kwalunkwe emissjoni reali g'ix ivverifikata bħala sodisfaċenti minn verifikatur;
- (g) meta l-operatur ikun uża l-ħin attwali tal-produzzjoni tal-prekursur sabiex jiddetermina l-perjodu ta' rapportar li matulu jkun g'ix prodott il-prekursur, jekk l-evidenza li tappoġġa l-ħin reali tal-produzzjoni tkun biżżejjed;
- (h) jekk huwiex applikat xi fattur prestabbilit użat f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] għall-pajjiż ta' orijini li għalih huwa ddefinit il-fattur prestabbilit;
- (i) fejn l-oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956 jiġu prodotti fl-installazzjoni, jekk l-operatur ikunx uża fattur ta' emissjoni għall-elettriku għajr il-valur prestabbilit speċifikat fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151], u jekk iva, jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV, il-punt 5 tar-Regolament (UE) 2023/956 humiex issodisfati;
- (j) fejn l-operatur ikun uża fattur ta' emissjoni għall-elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni minbarra l-valur prestabbilit, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV, il-punt 6 tar-Regolament (UE) 2023/956 humiex issodisfati;
- (k) jekk il-bijofjuwils, il-bijolikwidi jew il-fjuwils tal-bijomassa jintużaw għal skopijiet ta' enerġija, l-evidenza tal-operatur li turi l-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu

29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;

- (l) CO₂ u N₂O ttrasferiti, il-qbid u l-ħżin tad-disossidu tal-karbonju ġeoloġiku u l-qbid u użu permanenti tal-karbonju f'konformità mal-Anness II, il-Punt B.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151].

2.11 Dipendenza fuq awditi oħrajn

2.11.1 Prekursuri użati iżda mhux prodotti fl-installazzjoni

Għall-finijiet tal-verifika tal-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija ta' monitoraġġ fir-rigward tat-Taqsima 2.10, il-punt (f), il-verifikatur għandu jikkonferma li r-rapport ta' verifika tal-installazzjoni li tipproduċi l-prekursur jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) fiż-żmien meta nħareġ ir-rapport ta' verifika, l-entità li wettqet l-attivitajiet ta' verifika kienet verifikatur b'ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu li kien fih l-ambitu tal-akkreditazzjoni meħtieġ biex titwettaq il-verifika;
- (b) id-dikjarazzjoni tal-opinjoni li tinsab fir-rapport ta' verifika tindika li r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur huwa vverifikat bħala sodisfaċenti;
- (c) ir-rapport ta' verifika jkopri l-perjodu ta' rapportar li matulu ġie prodott il-prekursur, li huwa ddeterminat kif ġej:
 - (1) Il-perjodu ta' rapportar prestabbilit tal-prekursur għandu jkun is-sena tal-produzzjoni tal-oġġett kumpless.
 - (2) Madankollu, jekk il-verifikatur isib li hemm biżżejjed evidenza biex jiddetermina l-ħin reali tal-produzzjoni, il-perjodu ta' rapportar għandu jkun il-perjodu li matulu jkun ġie prodott il-prekursur.

2.11.2 Użu ta' valuri reali għal oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956 prodotti fl-installazzjoni

Għall-finijiet tal-verifika tal-applikazzjoni korretta u tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' monitoraġġ fir-rigward tat-Taqsima 2.10, il-punt (f), il-verifikatur għandu jikkonferma li r-rapport ta' verifika tal-installazzjoni li tipproduċi l-elettriku jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) fiż-żmien meta nħareġ ir-rapport ta' verifika, l-entità li wettqet l-attivitajiet ta' verifika kienet verifikatur b'ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu li kien fih l-ambitu tal-akkreditazzjoni meħtieġ biex titwettaq il-verifika;
- (b) id-dikjarazzjoni tal-opinjoni li tinsab fir-rapport ta' verifika tindika li r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur huwa vverifikat bħala sodisfaċenti;
- (c) ir-rapport ta' verifika jkopri l-perjodu ta' rapportar li matulu ġie prodott l-elettriku.

2.12. Kampjunar

Huwa u jivverifika l-konformità tal-attivitajiet ta' kontroll u tal-proċeduri msemminjin fil-punti (b) u (c) tat-tieni paragrafu tat-Taqsima 2.7 jew huwa u jwettaq il-verifiki msemminjin fit-

² Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1711, 26.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1711/oj>).

Taqsimiet 2.8 u 2.9, il-verifikatur jista' juża metodi tal-kampjunar speċifiċi għal installazzjoni dment li, abbażi tal-analiżi tar-riskju, il-kampjunar huwa ġustifikat.

Meta l-verifikatur jidentifika nonkonformità jew dikjarazzjoni skorretta waqt il-kampjunar, għandu jitlob lill-operatur jispjega l-kawżi ewlenin tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjoni skorretta sabiex jivvaluta l-impatt tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjoni skorretta fuq id-data rrappurtata. Abbażi tal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, il-verifikatur għandu jstabbilixxi jekk ikunx hemm bżonn ta' attivitajiet addizzjonali ta' verifika u jekk ikunx hemm bżonn li jitkabbar id-daqs tal-kampjun jew le, u liema parti mill-popolazzjoni tad-data jrid jikkoreġi l-operatur.

Il-verifikatur għandu jiddokumenta r-risultat tal-verifika msemmijin fit-Taqsimiet 2.7 sa 2.10, inklużi d-dettalji tal-kampjuni addizzjonali, fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

2.13 Żjarat fiżiċi fuq il-post

F'konformità mal-Anness VI, it-Taqsima 1, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2023/956, il-verifikatur għandu, f'ħin opportun jew f'diversi ħinijiet opportuni matul il-proċess ta' verifika, iwettaq żjara fiżika fuq il-post fl-installazzjoni fejn jiġu prodotti l-oġġetti msemmija fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur sabiex jivvaluta l-operat tal-apparati ta' kejl u tas-sistemi ta' monitoraġġ, sabiex jagħmel intervisti, sabiex iwettaq l-attivitajiet meħtieġa minn din it-Taqsima 2 kif ukoll sabiex jiġbor biżżejjed informazzjoni u evidenza li jippermettulu jikkonkludi jekk ir-rapport tal-operatur huwiex ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Abbażi tar-risultati tal-analiżi tar-riskju, il-verifikatur għandu jiddeċiedi jekk humiex meħtieġa żjarat f'postijiet addizzjonali, inkluż jekk il-partijiet rilevanti tal-attivitajiet tal-fluss tad-data u l-attivitajiet ta' kontroll jitwettqux f'postijiet oħrajn bħall-kwartieri ġenerali tal-kumpanija u ufficij oħrajn mhux fuq il-post.

Il-verifikatur għandu jiżgura li l-operatur jipprovdi lill-verifikatur b'aċċess għas-siti tiegħu.

Il-verifikatur għandu juża wkoll żjara fiżika fuq is-sit biex jivvaluta l-limiti tal-installazzjoni u l-proċessi tal-produzzjoni tagħha kif ukoll il-kompletezza tal-flussi minn sorsi, tas-sorsi ta' emissjonijiet u tal-konnessjonijiet tekniċi.

2.14 Indirizzar ta' dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonfirmatjiet u nonosservanza

2.14.1 Identifikazzjoni u riżoluzzjoni ta' dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonformitajiet u nonosservanza

Meta l-verifikatur jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonformitajiet jew nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] jew mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8152] matul il-verifika, huwa għandu jinforma lill-operatur b'dan mingħajr dewmien u għandu jitlob lill-operatur jikkoreġi d-dikjarazzjonijiet skorretti, in-nonkonformitajiet jew in-nonosservanza identifikati.

Il-verifikatur għandu jiddokumenta u jimmarka bħala solvuti fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika skont it-Taqsima 2.5 id-dikjarazzjonijiet skorretti, in-nonkonformitajiet jew in-nonosservanzi kollha li jkunu ġew ikkoreġuti mill-operatur matul il-verifika.

2.14.2 Dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonfirmatjiet u nonosservanza mhux ikkoreġuti

Meta l-operatur ma jikkoreġix id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nonkonformitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, il-verifikatur għandu, qabel ma joħroġ ir-rapport ta' verifika skont it-Taqsima 2.17, jitlob lill-operatur jispjega l-kawżi ewlenin tad-dikjarazzjonijiet

skorretti jew tan-nonkonformitajiet u r-raġunijiet għaliex ma għamilx il-korrezzjonijiet mitluba.

Il-verifikatur għandu jiddetermina jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti mhux ikkoreġuti, meħuda individwalment jew meta jiġu aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra, għandhomx impatt fuq l-emissjonijiet integrati speċifiċi totali jew l-aġġustament speċifiku totali ta' allokkazzjoni bla h̄las irrapportat għal kull oġġett. Meta jkun qed jivvaluta l-materjalità tad-dikjarazzjonijiet skorretti, il-verifikatur għandu jqis id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjonijiet skorretti, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari li fihom ikunu seħħew.

Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nonkonformitajiet mhux ikkoreġuti, meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' nonkonformitajiet oħrajn, ikollhomx impatt fuq id-data rrapportata u jekk dan iwassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali jew le.

Jekk l-operatur ma jikkoreġix in-nonkonformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151] jew mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8152] f'konformità mal-ewwel paragrafu qabel ma l-verifikatur joħroġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nonkonformità mhux ikkoreġuta għandhiex impatt fuq id-data rrapportata u jekk din twassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali.

2.15 Rieżami indipendenti

2.15.1 Rieżami tad-dokumentazzjoni interna tal-verifika u tar-rapport ta' verifika

Qabel ma joħroġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni interna tal-verifika u r-rapport ta' verifika lil eżaminatur indipendenti li ma jkunx parti mit-tim tal-verifika.

L-eżaminatur indipendenti ma għandu jkun wettaq l-ebda waħda mill-attivitajiet ta' verifika li huma soġġetti għar-rieżami tiegħu.

L-ambitu tar-rieżami indipendenti għandu jinkludi l-proċess ta' verifika sh̄h deskritt f'din it-Taqsima 2 u rreġistrat fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

L-eżaminatur indipendenti għandu jwettaq ir-rieżami b'mod li jiżgura li l-proċess ta' verifika jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150], li l-proċeduri għall-attivitajiet ta' verifika msemmija fit-Taqsima 1.5.1 ikunu twettqu b'mod korrett u li jkunu ġew applikati attenzjoni u ġudizzju professjonali xierqa.

L-eżaminatur indipendenti għandu jivvaluta wkoll jekk l-evidenza miġbura hijiex biżżejjed biex tippermetti lill-verifikatur joħroġ rapport ta' verifika b'aċċertament raġonevoli.

Fejn iseħħu ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal bidliet fir-rapport ta' verifika wara r-rieżami, l-eżaminatur indipendenti għandu janalizza wkoll dawk il-bidliet u l-evidenza tagħhom.

2.15.2 Awtentikazzjoni tar-rapport ta' verifika

Ir-rapport ta' verifika għandu jiġi awtentikat abbażi tal-konklużjonijiet tal-eżaminatur indipendenti u tal-evidenza fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika. Il-persuna li tawtentika r-rapport ta' verifika għandha tkun awtorizzata kif xieraq biex tagħmel dan mill-verifikatur.

2.16 Dokumentazzjoni interna tal-verifika

2.16.1 Kompilazzjoni tad-dokumentazzjoni interna tal-verifika

Il-verifikatur għandu jħejji u jikkompila dokumentazzjoni interna tal-verifika li jkun fiha tal-inqas:

- (a) ir-riżultati tal-attivitajiet ta' verifika li jkunu twettqu;
- (b) l-informazzjoni riċevuta mill-operatur skont it-Taqsima 2.3;
- (c) l-analiżi strateġika, l-analiżi tar-riskju u l-pjan ta' verifika;
- (d) kwalunkwe ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' organizzazzjoni ta' żjara fiżika fuq il-post skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8150];
- (e) biżżejjed informazzjoni biex tappoġġa l-opinjoni ta' verifika, fosthom il-ġustifikazzjonijiet għall-ġudizzji li jkunu saru dwar jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti humiex materjali.

Id-dokumentazzjoni interna tal-verifika msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi abbozzata b'tali mod li l-eżaminatur indipendenti msemmi fit-Taqsima 2.15.1 u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-verifika tkunx twettqet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Wara li r-rapport ta' verifika jkun ġie awtentikat skont it-Taqsima 2.15.2, il-verifikatur għandu jinkludi r-riżultati tar-rieżami indipendenti fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

Il-verifikatur għandu jżomm id-dokumentazzjoni interna tal-verifika sakemm ikun hemm bżonn biex jippermetti rieżami tad-dikjarazzjonijiet tas-CBAM li jkunu ġew ippreżentati.

2.16.2 Access għad-dokumentazzjoni interna tal-verifika

Meta l-operatur ikun irreġistrat fir-reġistru tas-CBAM skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2023/956, il-verifikatur għandu, fuq talba u għall-fini tar-rieżami tar-rapporti ta' verifika skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2023/956, jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti b'aċċess għad-dokumentazzjoni interna tal-verifika u għal informazzjoni rilevanti oħra biex tiġi ffaċilitata evalwazzjoni tal-verifika. Il-verifikatur għandu jipprovdi aċċess għal dik id-dokumentazzjoni permezz tar-reġistru tas-CBAM, sakemm ma jintalabx mod ieħor, fi żmien 30 jum kalendarju wara li ssir it-talba.

2.17 Rapport ta' verifika

2.17.1 Ambitu settorjali tal-akkreditazzjoni

Il-verifikatur għandu jroġi rapport ta' verifika biss fir-rigward ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur għall-grupp ta' attivitajiet imsemmi fl-Anness I li jkun akkreditat għalih il-verifikatur.

2.17.2 Dikjarazzjonijiet tal-opinjoni

Abbażi tal-informazzjoni miġbura, il-verifikatur għandu jroġi rapport ta' verifika dwar ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur li jkun soġġett għal verifika. Ir-rapport ta' verifika għandu jinkludi waħda mid-dikjarazzjonijiet tal-opinjoni li ġejjin:

- (a) ir-rapport ġie vverifikat bħala sodisfaċenti;
- (b) ir-rapport ġie vverifikat bħala mhux sodisfaċenti, din id-dikjarazzjoni ssir jekk ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ikun fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew nonkonformitajiet li ma ġewx ikkoreġuti qabel ma jinħareġ ir-rapport ta' verifika;
- (c) ir-rapport ġie vverifikat bħala mhux sodisfaċenti, din id-dikjarazzjoni ssir jekk inonkonformitajiet, individwalment jew flimkien ma' nonkonformitajiet oħrajn, jipprovdu ċarezza insuffiċjenti u jipprevjenu lill-verifikatur milli jiddikjara

b'aċċertament raġonevoli li r-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

- (d) ir-rapport ġie vverifikat bħala mhux sodisfaċenti, din id-dikjarazzjoni ssir jekk l-ambitu tal-verifika jkun limitat wisq skont it-Taqsima 2.17 u l-verifikatur ma jkunx jista' jikseb biżżejjed evidenza biex jōhroġ opinjoni ta' verifika b'aċċertament raġonevoli li r-rapport ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (a), ir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur jista' jiġi vverifikat bħala sodisfaċenti biss meta r-rapport ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2.17.3 Ħruġ tar-rapport ta' verifika

Mill-1 ta' Jannar 2027, il-verifikatur għandu jōhroġ ir-rapport ta' verifika fir-reġistru tas-CBAM.

Meta l-operatur ikun irreġistrat fir-reġistru tas-CBAM skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2023/956, ir-rapport ta' verifika għandu jintbagħat lill-operatur permezz tar-reġistru tas-CBAM.

Meta l-operatur ma jkunx irreġistrat fir-reġistru tas-CBAM, il-verifikatur għandu jesporta u jibgħat ir-rapport ta' verifika fil-format tas-software standard oriġinali tiegħu lill-operatur b'mezzi oħra. Il-verifikatur għandu jipprovdi wkoll lill-operatur b'kopja tar-rapport ta' verifika f'format elettroniku standardizzat li huwa aċċettat ħafna għad-dokumenti diġitali, għal finijiet ta' informazzjoni biss.

Il-verifikatur ma għandux jōhroġ ir-rapport ta' verifika meta diġà jkun hemm rapport ta' verifika li jkopri l-istess perjodu ta' rapportar għall-istess installazzjoni.

Fuq talba tal-operatur, il-verifikatur jista' jōhroġ verżjoni riveduta ta' rapport ta' verifika li jkun ħareġ il-verifikatur.

Il-verifikatur għandu jimla r-rapport ta' verifika bl-Ingliż.

2.18 Limitazzjoni tal-ambitu

Il-verifikatur jista' jikkonkludi li l-ambitu tal-verifika msemmi fit-Taqsima 2.17.2, l-ewwel paragrafu, il-punt (d), huwa limitat wisq fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta jkun hemm data nieqsa li tipprevjeni li l-verifikatur jikseb l-evidenza meħtieġa biex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal-livell li jkun meħtieġ biex jinkiseb livell raġonevoli ta' aċċertament;
- (b) il-pjan ta' monitoraġġ ma jipprovdi ambitu jew ċarezza biżżejjed biex tintlaħaq konklużjoni dwar il-verifika;
- (c) l-operatur ikun naqas milli jagħmel biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jippermetti lill-verifikatur iwettaq il-verifika.

2.19 Indirizzar ta' nonkonformitajiet mhux materjali pendenti

Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk l-operatur ikunx ikkoreġa n-nonkonformitajiet indikati fir-rapport ta' verifika relatati mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, fejn rilevanti.

Il-verifikatur għandu jirrapporta fir-rapport ta' verifika jekk dawk in-nonkonformitajiet ġewx ikkoreġuti mill-operatur.

Jekk l-operatur ma jkunx ikkoreġa dawk in-nonkonformitajiet, il-verifikatur għandu jikkunsidra jekk in-nuqqas li jagħmel dan iżid jkunx jista' iżid ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti.

Fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika skont it-Taqsima 2.16.2, il-verifikatur għandu jirreġistra d-dettalji ta' meta u kif in-nonkonformitajiet identifikati ġew solvuti mill-operatur waqt il-verifika.

2.20 Titjib tal-proċess ta' monitoraġġ u rapportar

Meta l-verifikatur ikun identifika oqsma għal titjib fil-prestazzjoni tal-operatur, fir-rapport ta' verifika huwa għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal titjib dwar il-punti li ġejjin:

- (a) il-valutazzjoni tar-riskju tal-operatur;
- (b) l-iżvilupp, id-dokumentazzjoni, l-implimentazzjoni u l-aġġornament tal-attivitajiet tal-fluss tad-data u tal-attivitajiet ta' kontroll kif ukoll l-evalwazzjoni tas-sistema ta' kontroll;
- (c) l-iżvilupp, id-dokumentazzjoni, l-implimentazzjoni u l-aġġornament tal-proċeduri;
- (d) il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet, inkluż fir-rigward tal-kejl u li tinkiseb inqas inċertezza, it-tnaqqis tar-riskji u t-titjib tal-effiċjenza tal-monitoraġġ u r-rapportar.

Meta jikkomunika rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-operatur, il-verifikatur għandu jibqa' imparzjali fir-rigward tal-operatur. Dan ma għandux jipperikola l-imparzjalità tiegħu billi jagħti pariri jew jżviluppa partijiet mill-proċess ta' monitoraġġ u rapportar skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) XX/XX [UP jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' C(2025)8151].

Meta jwettaq verifika fis-sena ta' wara s-sena li matulha jkunu saru rakkomandazzjonijiet għal titjib f'rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivverifika jekk implimentax dawk ir-rakkomandazzjonijiet u kif implimentahom.

Fejn l-operatur ma jkunx implimenta dawk ir-rakkomandazzjonijiet jew ma jkunx implimentahom b'mod korrett, il-verifikatur għandu jivvaluta l-impatt li dan ikollu fuq ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti u ta' nonkonformitajiet.